# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**L-Ewwel (1) ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru 432/21 FDP**

Fl-ismijiet

**Avv. Christopher sive Chris Cilia (K.I. Nru. 121268M) u**
**Avv. Timothy A. Bartolo (K.I. Nru. 42391M)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali**

## Il-Qorti:-

1. Rat ir-rikors datat 4 ta' Mejju 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

    1. *Illi l-esponenti kienu l-avukati patroċinanti tal-intimati Spiridione u Isabelle konjuġi Chetcuti fil-kawża fl-ismijiet Victor Vella et v Brian Micallef et (Rik. 60/13MV) deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' Ġunju, 2020 u kkonfermata anke permezz tas-sentenza ta' nhar l-14 ta' April, 2021 wara talba għar-ritrattazzjoni tal-istess.*

    2. *Illi l-parteċipazzjoni attiva tal-esponenti f'dawk il-proċeduri tirriżulta mill-varji verbali, b'dan li l-esponenti kkontestaw il-kawża għan-nom tal-intimati konjuġi Chetcuti billi ppreżentaw diversi atti ġudizzjarji, ikkontestaw formalment il-pretensjonijiet attriċi, ħarrku u eżaminaw xhieda, għamlu noti ta' sottomissjonijiet, u pparteċipaw b'mod sħiħ u assolut fl-istadji kollha tal-kawża – inkluż fl-appell u fir-ritrattazzjoni.*

3. *Illi meta l-esponenti ottjenew kopja tat-taxxa uffiċjali maħduma mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali rriżulta li filwaqt li kien ġie ntaxxat dritt għall-avukati tar-rikorrenti u dritt għall-avukati tal-intimat Brian Micallef fir-rigward tas-sentenza mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera nhar it-12 ta' Mejju, 2019, l-istess dritt ma ġiex intaxxat favur l-esponenti bħala avukati tal-intimati konjuġi Chetcuti.*

4. *Illi jidher li din id-diskrepanza fil-mod kif ġie maħdum id-dritt tal-esponenti b' differenza tal-avukati patroċinanti tal-intimat l-ieħor Brian Micallef hija minħabba li allegatament ma kenitx ġiet ippreżentata l-ewwel risposta għan-nom tal-konjuġi Chetcuti bħala kontestazzjoni għall-pretensjonijiet attriċi meta nbdew il-proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera.*

5. *Illi tali konklużjoni hija waħda għal kollox skorretta u dan billi, hekk kif jirriżulta mill-verbal ta' nhar is-16 ta' Ġunju, 2014 fil-proċeduri de quo agitur, l-esponent Avv. Chris Cilia kien seduta stante, u għan-nom tal-patroċinati tiegħu l-konjuġi Chetcuti, aderixxa mar-risposta li kienet ġiet diġa ġiet ippreżentata mill-Avv. Robert Abela għan-nom tal-ko-intimat Brian Micallef.*

6. *Illi għalhekk, mhux talli huwa manifest li l-esponenti effettivament ikkontestaw formalment il-kawża, iżda talli dan baqgħu jagħmluh tul il-mori tal-proċeduri kollha b'mod attiv u ferm assidwu, saħansitra fir-ritratazzjoni – tant li eventwalment il-pretensjonijiet u talbiet attriċi ġew respinti fit-totalita tagħhom!*

7. *Illi t-Tariffa E tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u l-Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bl-ebda mod ma tipprovdi li sabiex jiġi intaxxat id-dritt tal-avukat fuq is-sentenza* ***meta l-kawża tiġi deċiża****, huwa meħtieġ li tkun ġiet ippreżentata risposta formali.*

8. *Illi din il-kundizzjoni hija speċifikatament imposta fit-Tariffa E f'żewġ istanzi biss:*

    a. *fejn il-kawża ma titkompliex; u*

    b. *fejn l-avukat jabbanduna l-klijent qabel ma tinqata' l-kawża.*

9. *Illi madanakollu, fejn il-kawża tiġi deċiża, u l-avukat jibqa' jassisti lill-klijent sal-aħħar, kif ġara f'dan il-każ, il-kwistjoni ta' jekk kinitx ġiet ippreżentata risposta formali o meno hija irrelevanti – (u dan lil hinn mill-fatt li fil-każ odjern l-adeżjoni mar-risposta tal-ko-intimat għandha xorta titqies kontestazzjoni formali permezz ta' risposta!!)*

10. *Illi tali raġunament ġie affermat u enunċjat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza l-ismijiet Avv. James D'Agostino v Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali (Rik. Ġur. 200/2017AF) deċiża fis-16 t'Ottubru, 2018.*

11. *Illi f'dik il-kawża din l-Onorabbli Qorti kienet ordnat li għandu jiġi ntaxxat id-dritt tal-Avukat fuq is-sentenza <u>minkejja li l-intimat kien baqa' kontumaċi</u> u għalhekk multo magis kemm għandu jiġi intaxxat id-dritt tal-esponenti fil-każ odjern fejn mhux talli l-intimat ma jkunx baqa' kontumaċi iżda fejn ikun i) aderixxa mar-risposta tal-ko-intimat u formalment kkontesta l-kawża u ii) ipparteċipa b'mod attiv, sħiħ, assidwu u mingħajr restrizzjonijiet fl-atti kollha tal-proċeduri.*

12. *Illi l-esponenti iqisu li ma hux ġust li l-esponenti li pprestaw is-servizz tagħhom fl-istess qies bħall-avukati l-oħra fil-proċeduri jiġu preġudikati bil-mod kif ġiet maħduma t-taxxa in kwistjoni, b'dan li għalhekk ma kellhom ebda għażla oħra għajr li jipproċedu b' din l-istanza.*

*Għaldaqstant, jgħid l-intimat għalfejn m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet il-fuq premessi u għal dawk kollha li sejrin jirriżultaw mit-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri:*

i. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali naqas milli jintaxxa d-drittijiet kollha spettanti lir-rikorrenti fuq it-taxxa uffiċjali maħruġa konsegwenti għall-proċeduri fl-ismijiet Victor Vella et v Brian Micallef et (Rik. 60/13MV) deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' Ġunju, 2020 u kkonfermata permezz tas-sentenza ta' ritrattazzjoni ta' nhar l-14 ta' April, 2021.*

ii. *Tħassar it-taxxa maħruġa konsegwenti għall-proċeduri fl-ismijiet Victor Vella et v Brian Micallef et (Rik. 60/13MV) deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' Ġunju, 2020 u kkonfermata permezz tas-sentenza ta' ritrattazzjoni ta' nhar l-14 ta' April, 2021.*

iii. *Tordna lill-intimat Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali biex jerġa joħroġ taxxa uffiċjali mill-ġdid fejn id-dritt professjonali tal-esponenti jiġi ntaxxat billi jiġi nkluż fih kull dritt ntaxxat favur l-avukati l-oħra fl-imsemmija proċeduri, inkluż id-dritt tal-avukat fuq is-sentenza mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fis-7 ta' Mejju 2021, il-Qorti appuntat il-kawża għas-smiegħ.

3. Rat illi fis-17 ta' Ġunju 2021 ir-Reġistratur Qrati u Tribunali Ċivili ta' ruħu notifikat bl-atti tal-kawża.

4. Rat illi fit-30 ta' Ġunju 2021, deher is-Sur Emanuel Sciriha, Reġistratur Qrati u Tribunali Ċivili, illi għarraf lill-Qorti illi t-talba tar-rikorrenti hija waħda korretta w it-Taxxa Uffiċjali maħduma fil-15 ta' April 2021, ippreżentata mir-rikorrenti a fol 5 tal-atti, hija inkorretta.

5. Rat illi fit-30 ta' Ġunju 2021, l-istess Sur Emanuel Sciriha ippreżenta taxxa kif korretta u maħduma fl-24 ta' Ġunju 2020, u stqarr illi dina hija t-taxxa korretta li tapplika għall-proċeduri 60/13 MV fl-ismijiet Victor Vella et vs Brian Micallef et.

6. Rat illi fitż30 ta' Ġunju 2021, il-partijiet qablu illi dina l-Qorti għandha tgħaddi għas-sentenza filwaqt illi qablu wkoll illi l-kawża tibqa' bla taxxa.

Għaldaqstant, il-Qorti, wara illi rat il-verbal illi sar fit-30 ta' Ġunju 2021 u li ġiet ippreżentata Taxxa Uffiċjali tad-Drittijiet u Spejjeż riveduta u maħduma fl-24 ta' Ġunju 2021 (it-taxxa erronjament tindika bħala datata 24 ta' Ġunju 2020!), tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba rikorrenti.

**Tiddikjara** u tiddeċiedi li l-intimat Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali naqas milli jintaxxa d-drittijiet kollha spettanti lir-rikorrenti fuq it-taxxa uffiċjali maħruġa konsegwenti għall-proċeduri fl-ismijiet Victor Vella et vs Brian Micallef et (Rik. 60/13MV) deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' Ġunju, 2020 u kkonfermata permezz tas-sentenza ta' ritrattazzjoni ta' nhar l-14 ta' April, 2021.

**Tħassar** it-taxxa maħduma fil-15 ta' April 2021 u maħruġa fis-27 ta' April 2021 konsegwenti għall-proċeduri fl-ismijiet Victor Vella et vs Brian Micallef et (Rik. 60/13MV) deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' Ġunju, 2020 u kkonfermata permezz tas-sentenza ta' ritrattazzjoni ta' nhar l-14 ta' April, 2021.

**Tordna** lill-intimat Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali biex jerġa joħroġ taxxa uffiċjali mill-ġdid fejn id-dritt professjonali tal-esponenti jiġi ntaxxat billi jiġi nkluż fih kull dritt intaxxat favur l-avukati l-oħra fl-imsemmija proċeduri, inkluż id-dritt tal-avukat fuq is-sentenza mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera.

In vista ta' dak mitftiehem bejn il-partijiet, il-kawża odjerna tibqa' bla taxxa.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**